# ZEROCO2 – Promozzjoni ta' kwazi zero emmisjoni ta' CO2 li gej mill-użu tal-enerġija fis-settur tal-bini

*"Intejbu s-settur tal-bini billi nsaħħu l-mizuri favur l-ambjent, l-użu ta' energija nadifa, u s-servizzi u mudelli ta' negozji li jħarsu u jsaħħu s-sostenibilita' tal-energija"*

## Opportunita' ghal tranżizzjoni tal-enerġija iktar effiċjenti fis-settur tal-bini

Bid-Direttivi '2012/27/EU' u '2010/31/EU', l-Unjoni Ewropea qed taghmel pass 'il quddiem fil-politika taghha favur l-effiċjenza tal-energija. L-għanijiet kif ukoll l-għodod ta' dawn id-direttivi jobbligaw lill-pajjiżi Ewropej biex jadottaw minnufih strateġiji ċari sabiex il-bini jittejjeb ħalli jitnaqass l-użu tal-energija. Id-Direttiva '2010/31/EU' tirrikjedi li wara l-2020 il-binjiet ġodda kollha jridu jkunu "*Zero Energy*" jew "*Near Zero*" (viċin żero) f'emissjonijiet tal-gas $CO_2$ li gej mill-użu tal-enerġija ($NZCO_2EB$). Għalkemm riċentament, kien hemm ħafna enfasi dwar miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet minn binjiet ġodda, l-istokk tal-binjiet eżistenti baqghu kważi mhux mittiefsa u l-proġetti ta' tibdil li qeghdin jseħħu, qegħdin jitilfu l'opportunita' biex jitnaqqsulhom l-emissjonijiet u jkunu kważi 'zero $CO_2$'. Il-proġett '$ZEROCO_2$' se jiddefinixxi xi tfisser bini b'emissjonijiet "*Near Zero* $CO_2$" minħabba l-użu tal-enerġija ($NZCO_2EB$) u ser jippreżenta l-benefiċċji varji li jirriżultaw minn dan it-tip ta' bini.

## Kondiviżjoni tal-għarfien reġjonali

Il-proġett '$ZEROCO_2$' jieħu approwċ interreġjonali u ser jimpenja dawk li jfasslu l-politika minn reġjuni Ewropej differenti sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-'$CO_2$' u jitħaffu it-tranżizzjonijiet lejn l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej. Permezz ta' kooperazzjoni interreġjonali, ir-reġjuni se jidentifikaw u jaqsmu flimkien metidoloġiji innovattivi flimkien ma' teknoloġiji, proċessi u prattiċi tajba fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni sabiex jiġi implimentat bini b'emissjonijiet żero. Dan ser isir permezz ta' miżuri li jikkonċernaw l-użu tal-enerġija li jimmiraw lejn kostruzzjonijiet ġodda jew modifikazzjoni ta' bini eżistenti . Fl-eżekuzzjoni tal-proġett, l-attivitajiet bejn l-imsieħba tal-proġett se joħolqu opportunita' sabiex jiġu ppreżentati għażliet differenti ta' sorsi ta' enerġija u teknoloġiji li jistgħu jintużaw lokalment, reġjonalment u nazzjonalment u li se jikkontribwixxu biex inaqqsu emissjonijiet tas-' $CO_2$', filwaqt li jappoġġjaw l-iżvilupp reġjonali .

## Aħbar:

L-ewwel laqgha tal-proġett 'ZEROCO2' kien fi Ptuj, Slovenja bejn id-9 u l-10 ta' Gunju 2016, u kien presidjat mill-koordinatur ewlieni tal-proġett 'Local Energy Agency Spodnje Podravje'.



## Avvenimenti li ġejjin :

- It-tini laqgħa tal-imsħiba fil-pro proġett se jseħħ fl-14 u l-15 ta' Settembru, 2016 f' Berlin. Il-laqgħa se tkun ospitata minn EIFI.
- Kull imsieħba ser torganizza l-ewwel seminar grupp partijiet interessati f'Settembru sabiex jiġu involuti l-partijiet interessati fil-proġett u sabiex tippreżenta l-ewwel riżultati tal- Proġett .

**Malta: 29 ta' Settembru 2016**

Id-dhul huwa b'xejn lil-mistiednin.

## Sugetti ndirizzati ZEROCO$_2$

Il-proġett 'ZEROCO$_2$' jindirizza l-politika reġjonali fil-qasam tal-ambjent u l-enerġija u se jappoġġa azzjonijiet kif ukoll investimenti li jżidu l-livelli ta' energija effiċjenti, fil-bini pubbliku u s-settur tad-djar. Dan il-proġett ser jgħin biex tintlaħaq il-mira tal-UE li tnaqqas l-emissjonijiet b'20 % sal-2020. L-imsiehba tal-progett se jkunu qed jikkontribwixxu ghal għan "*Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi*" sabiex tonqos id-dipendenza tat-tkabbir ekonomiku mill-użu tal-enerġija, isseħħ il-bidla lejn ekonomija b'livell baxx ta' tniġġiz, jiżdied l-użu ta' enerġija rinovabbli u jitkabbar l-użu ta' effiċjenza fl-energija.

## Riżultati 'ZEROCO$_2$'

L-għan ġenerali tal-proġett 'ZEROCO$_2$' huwa li jtejjeb l-politika reġjonali tal-enerġija fir-rigward tas-sostenibilità ambjentali u l-mitigazzjoni tar-riskju tat-tibdil fil-klima. Dan se jsir b'attenzjoni speċjali fuq iktar ekoloġija fis-settur tal-bini permezz ta' titjib ta' sorsi u teknoloġiji differenti fl-energija u fl-ekologija, filwaqt li jenfasizza l-importanza tagħha bħala mezz biex jiġu ffaċilitati swieq ġodda fil-qasam tal-enerġija, it-teknoloġija, s-servizzi u l-mudelli kummerċjali. Dan il-proġett ser jippreżenta u jimplimenta 'NZCO$_2$EB' li gej mil-użu tal-enerġija, b'mizuri ndirizzati fl-istess livell kif kien sar għall- 'NZEB'. Dan ifisser li l-binjiet ma jiproduċux emissjonijiet tal-gas 'CO2' dovuta għal użu tagħhom. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-UE, il-politiki nazzjonali u reġjonali ghadhom ma ddefenixewx xi tfisser bini b'CO$_2$ żero fil-użu tal-energija, u għaldaqstant il-bżonn tal-proġett 'ZEROCO$_2$'.

**It-tul tal-proġett:** Apr. 2016 - Mar. 2020

**Fondi ERDF**
**€ 1,227,957.00**


**Ghal-aktar informazzjoni:**

Eur Ing Dr Charles Yousif
jew
Ing. Damien Gatt

'Institute for Sustainable Energy'
Barrakki Street'
Marsaxlokk,
MXK 1531,
Malta.

charles.yousif@um.edu.mt
Damien.gatt@um.edu.mt
Tel. 2340 7831


Website:
http://www.interregeurope.eu/zeroco2/

Facebook:
https://www.facebook.com/ZeroCo2-Interreg-Europe-Project-1112926325417193/?fref=ts

LinkedIn:
https://www.linkedin.com/groups/8538366

Twitter:
https://twitter.com/ZeroCo2_Project

**Msiehba fil-progett:**

Sieħeb ewlieni: 1. LOCAL ENERGY AGENCY SPODNJE PODRAVJE (Slovenja)

2. MEDITERRANEAN AGRONOMIC INSTITUTE OF CHANIA (Grecja)

3. MOLISE REGION (Italja)

4. MUNICIPALITY OF KAUNAS DISTRICT (Litwanja)

5. EUROPEAN INSTITUTE FOR INNOVATION (Germanja)

6. THERMOPOLIS LTD. (Finlandja)

7. AGENCY FOR SUSTAINABLE MEDITERRANEAN CITIES AND TERRITORIES (Franza)

8. UNIVERSITY OF MALTA (Malta)

University of Malta
L-Università ta' Malta